

MT

MT

MT



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 2.8.2010
KUMM(2010)416 finali

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda (applikazzjoni EGF/2009/015 DK/Danfoss Group tad-Danimarka)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda¹ jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF) (punt 28) b'limitu massimu annwali ta' EUR 500 miljun minbarra l-intestaturi rilevanti tal-qafas finanzjarju.

Ir-regoli applikabbli għall-kontribuzzjonijiet mill-EGF huma stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni².

Fit-8 ta' Settembru 2009, id-Danimarka ressqet l-applikazzjoni EGF/2009/015 DK/Danfoss Group għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-EGF, wara li nġhatat is-sensja lil 1 443 ħaddiem mid-Danfoss Group fid-Danimarka.

Wara analiżi bir-reqqa ta' din l-applikazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, li l-kundizzjonijiet għal kontribuzzjoni finanzjarja skont dan ir-Regolament huma sodisfatti.

TAQSIRA TAL-APPLIKAZZJONI U ANALIŻI

Dejta ewlenija:	
Nru ta' referenza tal-EGF	EGF/2009/015
Stat Membru	Id-Danimarka
L-Artikolu 2	(a)
Intrapriżi kkonċernati	Danfoss A/S, Sauer Danfoss ApS, Danfoss Drives A/S
Ir-reġjun NUTS II	DK03 - Syddanmark
Taqsimi NACE (reviżjoni 2)	Mhux applikabbli
Perjodu ta' referenza	01/03/2009 – 30/06/2009
Data ta' bidu għas-servizzi personalizzati	01/10/2009
Id-data tal-applikazzjoni	08/09/2009
Sensji waqt il-perjodu ta' referenza:	588
Ħaddiema li sfaw qiegħda fil-mira tal-appoġġ	1 010
Servizzi personalizzati: il-baġit f'EUR	12 986 846
Nefqa għall-implimentazzjoni tal-EGF ³ : il-baġit f'EUR	695 211
Nefqa f'persentaġġ għall-implimentazzjoni tal-EGF:	5.1 %
Il-baġit totali f'EUR	13 682 057
Kontribuzzjoni tal-EGF f'EUR (65 %)	8 893 336

1. L-applikazzjoni tressqet quddiem il-Kummissjoni fit-8 ta' Settembru 2009 u kienet sostnuta b'taġhrif addizzjonali sat-30 ta' Marzu 2010.

¹ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

² ĠU L 406, tat-30.12.2006, p. 1.

³ Skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006

2. L-applikazzjoni tissodisfa l-kundizzjonijiet biex jitħaddem l-EGF kif stipulat fl-Artikolu 2(a) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006 u ġiet ippreżentata sal-iskadenza ta' 10 ġimgħat kif stipulat fl-Artikolu 5 ta' dak ir-Regolament.

Ir-rabta bejn is-sensji u t-tibdiliet strutturali ewlenin fix-xejriet kummerċjali dinjija minħabba l-globalizzazzjoni jew il-kriżi finanzjarja u ekonomika globali

3. Sabiex tistabilixxi r-rabta bejn is-sensji u l-kriżi finanzjarja u ekonomika globali, id-Danimarka targumenta li s-sensji mill-kumpanija Danfoss A/S, Sauer Danfoss ApS u Danfoss Drives A/S huma konsegwenza diretta tad-deterjorament f'daqqa fid-domanda għal makkinarju mekkaniku u elettroniku bħala riżultat tal-kriżi ekonomika u r-reċessjoni assoċjata magħha. Tipprovdi evidenza statistika mill-Eurostat li turi li l-evoluzzjoni ġeneralment favorevoli tal-produzzjoni fis-settur tal-'manifattura tal-makkinarju u t-tagħmir' tbiddlet drastikament fir-raba' kwart tas-sena 2008 fl-UE. Kemm fid-Danimarka u kemm fil-Ġermanja (il-produttur ewlieni tal-UE) ġie rreġistrat tnaqqis ta' 25 % u iktar bejn ir-Q4 tal-2008 u t-Q3 tal-2009.

Id-Danimarka pprovdiet informazzjoni li wriet li l-bejgħ nett aġġustat tad-Danfoss tal-ewwel disa' xhur kien 17 % inqas mis-sena ta' qabel, u d-ditta għamlet telf sinifikanti. Bl-istess mod, is-Sauer Danfoss kienet sofriet tnaqqis fil-bejgħ waqt it-tielet kwart tal-2008 ta' 52 % fl-Ewropa, 48 % fl-Ameriki u 23 % fir-reġjun Asjatiku-Paċifiku.

It-tnaqqis fil-produzzjoni kkawżat mill-kriżi kompli ggrava sitwazzjoni diġà diffiċli għall-kumpaniji fis-settur. Bħala riżultat tal-pressjoni fir-rigward tal-ispiża mill-Asja, fejn l-ispejjeż tax-xogħol huma konsiderevolment iktar baxxi minn dawk fl-UE, il-produzzjoni kienet qed temigra b'mod progressiv mill-UE, inkluż mid-Danimarka.

Il-kumpaniji fi ħdan id-Danfoss Group ma ffrankawx il-pressjoni tal-ispejjeż, u kienu diġà bdew jittrasferixxu xi produzzjoni barra mill-UE, inkluż lejn il-Messiku fejn id-Danfoss kien diġà stabbilixxa faċilità ta' produzzjoni. Id-Danimarka tirrikonoxxi li s-sensji mid-Danfoss u kumpaniji oħra fis-settur kienu se jsiru fi kwalunkwe każ, iżda kieku kienu jsiru fuq perjodu ta' żmien itwal, u għalhekk kieku seta' kien ikun hemm tħejjija għalihom u kienu jistgħu jiġu trattati b'mod iktar faċli.

Il-kriżi ekonomika tefgħet pressjoni mhux mistennija fuq id-Danfoss Group, li esperjenza tnaqqis fil-profit qabel tinqata' t-taxxa minn DKK 164 miljun fl-Q1 tal-2008 għal telf qabel tinqata' t-taxxa ta' DKK 562 miljun fl-Q1 tal-2009. F'ċirkustanzi bħal dawn il-kumpanija ma kellha l-ebda alternattiva ħlief li tagħlaq ċerti faċilitajiet ta' produzzjoni, li rriżulta fl-għoti ta' sensji.

Id-Danimarka qed tistenna li, anke wara l-kriżi, l-ebda wieħed mill-impjeggi li ntilfu fit-tliet intrapriżi mhu se jerġa' jirritorna lejn id-Danimarka. Il-pressjoni tal-ispiża fis-settur, flimkien mal-importanza li qed tikber tas-swieq fl-Asja u reġjuni oħra li ma humiex parti mill-UE, se taċċerta li kwalunkwe kapaċità ta' produzzjoni ġdida, probabbilment, tiġi stabbilita barra l-UE.

Indikazzjoni tan-numru ta' sensji u konformità mal-kriterji tal-Artikolu 2(a)

4. Id-Danimarka ressqet din l-applikazzjoni skont il-kriterji ta' intervent tal-Artikolu 2(a) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, li jirrikjedi li jkun hemm mill-

inqas 500 sensja matul perjodu ta' erba' xhur f'intrapriża u fil-fornituri tagħha u l-produtturi involuti fl-istadju aħħari ta' produzzjoni.

5. L-applikazzjoni tiddikjara 588 sensja fi tliet intapriżi fi ħdan id-Danfoss Group waqt il-perjodu ta' referenza ta' erba' xhur mill-1 ta' Marzu 2009 sat-30 ta' Ġunju 2009. Is-sensji kollha ġew ikkalkolati skont it-tieni inċiż tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006.

Spjegazzjoni tan-natura mhux prevista ta' dawk is-sensji

6. L-awtoritajiet Daniżi jargumentaw li l-kriżi ekonomika u finanzjarja globali ggravat sitwazzjoni diġà diffiċli għall-intrapriżi fis-settur tal-inġinerija. Il-perssioni tal-ispejjeż kienet qed tqiegħed perssioni fuq intrapriżi f'pajjiżi bi prezzijiet għoljin, u t-tnaqqis fid-domanda u konsegwentement fil-produzzjoni li l-kriżi kkawżat ħalla lid-Danfoss Group bl-ebda alternattiva oħra ħlief li jagħlaq il-faċilitajiet ta' produzzjoni li kienu qed jirreġistraw telf. Il-fatt li l-kriżi laqtet f'daqqa fisser li ma setgħux jinstabu alternattivi malajr, u l-gravità tar-riċessjoni fisret li t-telf imġarrab mid-Danfoss Group ma kienx sostenibbli.

Identifikazzjoni tal-intrapriżi li taw is-sensji u l-ħaddiema fil-mira tal-għajnuna

7. L-applikazzjoni tikkwota total ta' 1 443 sensja fl-intrapriżi li ġejjin, li minnhom 588 saru waqt il-perjodu ta' referenza, u 855 saru qabel il-perjodu ta' referenza, iżda li huma eleġibbli għall-inklużjoni skont l-Artikolu 3a(b) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006:

Intrapriżi u għadd ta' sensji	
Danfoss A/S	345
Sauer Danfoss ApS	909
Danfoss Drives	189
Total tal-Intrapriżi: 3	Total tas-sensji: 1 443

Id-Danimarka tistma li 70 % tal-ħaddiema li nġhataw is-sensja (1 010), se jirċievu għajnuna mill-EGF. It-30 % li jibqa' huma mistennija jsibu impjeg fuq inizjattiva tagħhom stess mingħajr ma jitolbu l-għajnuna tal-EGF.

8. It-tqassim tal-ħaddiema fil-mira huwa kif ġej:

Kategorija	Għadd	Persentaġġ
Irġiel	624	61.8 %
Nisa	386	38.2 %
Ċittadini tal-UE	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli
Ċittadini minn barra l-UE	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli
15 sa 24 sena	96	9.5 %
25 sa 54 sena	762	75.4 %
Minn 54 sena 'l fuq	152	15.0 %

9. F'termini ta' kategoriji professjonali jitqassmu kif ġej:

Kategorija	Għadd	Persentaġġ
Professjonisti	182	18.0 %
Tekniki u professjonisti assoċjati	107	10.6 %
Operaturi u muntaturi fl-impjanti u tal-magni	721	71.4 %

10. Skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, id-Danimarka kkonfermat li ġiet applikata politika ta' ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel kif ukoll ta' nondiskriminazzjoni, u li din se tkompli tapplika matul l-istadji varji tal-implimentazzjoni tal-EGF u, b'mod partikolari, fir-rigward tal-aċċess għalih.

Deskrizzjoni tat-territorju kkonċernat u tal-awtoritajiet u l-partijiet interessati tiegħu:

11. It-territorju kkonċernat huwa l-muniċipalitá ta' Sønderborg, li ġiet stabbilita fl-1 ta' Jannar 2007 bħala amalgamazzjoni ta' seba' muniċipji preċedenti. Għandha popolazzjoni ta' 76 647 ruħ. Ġeografikament, tikkonsisti f'żewġ partijiet differenti: il-gżira ta' Als u l-peniżola ta' Sundeved, konnessa b'żewġ pontijiet fil-belt prinċipali ta' Sønderborg. Als hija konnessa permezz tal-vapur li jaqsam il-Little Belt sa Fyn, iżda l-arterja prinċipali tat-trasport fin-Nofsinhar ta' Jutland hija lejn il-Punent tal-muniċipju. It-Tramuntana ta' Als b'mod partikolari, fejn id-Danfoss għandha l-kwartieri tagħha, hija relattivament remota. Mill-belt ta' Sønderborg hija biss 30 km bit-triq bogħod mill-fruntieri Ġermaniżi, u parti mill-muniċipju huwa fuq in-naħa tat-Tramuntana ta' Flensburg Fjord, bi vjaġġ qasir li jaqsam l-ilmijiet lejn il-kosta fin-Nofsinhar tal-Ġermanja. Il-muniċipju għalhekk huwa parti mir-reġjun fuq il-fruntieri. Madankollu, it-Tramuntana ta' Schleswig-Holstein, iż-żona ta' maġenbu, mhix 'żona tat-tkabbir' tal-Ġermanja. Fil-fatt, tul l-aħħar deċennju, kien hemm migrazzjoni sinifikanti tax-xogħol mill-Ġermanja lejn in-Nofsinhar ta' Jutland. Kieku ma kienx hemm aggruppament ta' ditti mekkatroniċi qrib id-Danfoss, l-Als b'mod partikolari, ċertament li kienet issir żona periferali, bħal fil-każ, pereżempju, taż-żoni fil-viċinat tan-Nofsinhar ta' Fyn u l-arċipelago tan-Nofsinhar ta' Fyn. Iż-żona hija karatterizzata b'mod partikolari minn età medja relattivament għolja, u l-previżjonijiet demografiċi jissuġġerixxu tnaqqis fil-popolazzjoni tul l-għaxar snin li ġejjin — mingħajr ma jitqiesu l-effetti tat-tnaqqis ekonomiku f'daqqa. Minkejja l-fatt li l-livell medju tal-edukazzjoni u t-taħriġ huwa konsiderevolment għoli, karatteristika taż-żona hija li proporzjon sinifikanti tal-popolazzjoni għandha impjeg industrijali li ma jirrikjedix ħiliet partikolari. Fil-biċċa l-kbira hija din is-sezzjoni tal-popolazzjoni li issa hija affettwata mill-globalizzazzjoni.
12. Il-partijiet interessati prinċipali jinkludu l-muniċipalitá ta' Sønderborg u r-reġjun tan-Nofsinhar tad-Danimarka.

L-impatt mistenni tas-sensji fir-rigward tal-impjiegi lokali, reġionali jew nazzjonali

13. L-industrija tal-ħadid u tal-metall fil-muniċipju ta' Sønderborg tirrappreżenta madwar 25 % tal-impjiegi kollha fil-muniċipju. Fl-ewwel disa' xhur tal-2009 il-qgħad

irreġistrat żdied b'iktar minn 300 %, u l-industrija tal-ħadid u tal-metall, tul l-istess żmien, tat is-sensja lil iktar minn 1 600 impjegat.

14. Id-Danimarka pprovdiet evidenza li ż-żieda fil-qgħad f'Sønderborg kienet ikbar mill-medja fid-Danimarka tul il-perjodu min-nofs l-2008 sa nofs l-2009. Tul dan il-perjodu l-għadd ta' ħaddiema qiegħda f'Sønderborg żdied b'madwar 250 %.
15. B'madwar 15 % tal-forza tax-xogħol, is-settur tal-inġinerija kien bla dubju l-ikbar settur fiż-żona, u t-telf ta' impjegi mid-Danfoss Group mhux se jagħmlu tajjeb għalih l-intrapriżi l-oħra. Mingħajr ma jitħarrġu mill-ġdid, il-ħaddiema li ngħataw is-sensja probabbilment se jsibuha diffiċli li jerġgħu jsibu x-xogħol.

Pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati li għandhom jiġu ffinanzjati u analiżi tal-ispejjeż stmati għalih, inkluża l-komplementarjetà tiegħu mal-azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali

16. Id-Danimarka tipproponi pakkett ta' miżuri favur il-ħaddiema li ngħataw is-sensja, li huwa msejjes fuq tliet pilastri, wara konsulenza u tqegħid f'kategoriji vokazzjonali inizjali: edukazzjoni u taħriġ, inċentivi ta' impjeg u inċentivi għal negozji li għadhom qed jibdew. Il-pakkett huwa mfassal b'tali mod li jqis il-livelli ta' edukazzjoni tal-ħaddiema, l-abbiltà ta' tagħhom li jkunu mobbli, u opportunitajiet ta' xogħol attwali jew previsti fir-reġjun. Minkejja li l-ħaddiema kollha fil-mira se jipparteċipaw fil-konsulenza u t-tqegħid f'kategoriji inizjali, azzjonijiet oħra jistgħu jkunu mmirati lejn numri iżgħar ta' ħaddiema, li wħud minnhom se jibbenefikaw minn iktar minn azzjoni waħda fejn ikun xieraq.
17. Konsulenza u tqegħid f'kategoriji vokazzjonali inizjali jsiru biex jiġu identifikati l-aħjar għażliet għal kull ħaddiem b'mod individwali. Kull ħaddiem fil-mira jiġi offrut taħriġ bażiku biex jidentifika l-ħiliet tiegħu u biex isib l-aħjar soluzzjoni għalih bil-miżuri attivi tas-suq tax-xogħol disponibbli. Huwa stmat li madwar 70 % tal-ħaddiema li ngħataw is-sensja se japprofittaw minn din l-azzjoni, b'kost stmat ta' EUR 3 356 għal kull ħaddiem.
18. Il-pilastru 'edukazzjoni u taħriġ' jikkonsisti minn ħames azzjonijiet separati:
 - (1) Taħriġ supplimentari fit-turiżmu. Huwa stmat li 132 ħaddiem, prinċipalment dawk b'livelli baxxi ta' kisbiet akkademiċi se jibbenefikaw mill-azzjoni, li tqum madwar EUR 6 644 għal kull ħaddiem. L-azzjoni timmira li tforni lill-ħaddiema b'ħiliet rilevanti għas-settur tat-turiżmu li qed jikber fir-reġjun, inklużi r-reklamar, il-kummerċjalizzazzjoni, l-immarkar, il-kunċett ta' servizz u l-amministrazzjoni ta' negozju.
 - (2) Taħriġ supplimentari fit-teknoloġija tal-enerġija. Minħabba l-fokus fuq is-sostenibbiltà, hija mistennija domanda għal ħaddiema tas-sengħa minn intrapriżi żgħar, ta' daqs medju u kbar fir-reġjun. Huwa propost li se jħarreġ 88 ħaddiem, prinċipalment dawk b'livelli baxxi ta' kisbiet akkademiċi, biex jidħlu f'din l-industrija, f'kollaborazzjoni mill-qrib ma' min diġà jħaddem fir-reġjun. Il-kost stmat għal kull ħaddiem huwa ta' EUR 6 644.
 - (3) L-attrazzjoni u ż-żamma taż-żgħażaġh fl-edukazzjoni. Iż-żona ta' Sønderborg hija kkaratterizzata minn grupp ta' żgħażaġh li ma ħadux taħriġ. Kien hemm ħafna

inizjattivi biex din il-problema tiġi indirizzata, iżda dawn ma kellhomx l-effett mixtieq. L-azzjoni hija mmirata li tattira mill-ġdid lejn l-edukazzjoni, li għaliha huwa meħtieġ appoġġ addizzjonali, inklużi gwida u appoġġ materjali u finanzjarju għall-iffaċilitar tat-tranżizzjoni mix-xogħol għall-istudju, lill-ħaddiema ż-żgħażaġh fost dawk li ngħataw is-sensja, . Huwa stmat li 132 ħaddiem, b'livelli baxxi ta' kisbiet akkademiċi se jibbenefikaw mill-azzjoni, li tqum madwar EUR 6 711 għal kull ħaddiem.

(4) Edukazzjoni u taħriġ fl-amministazzjoni tan-negozju. Madwar 66 ħaddiem, prinċiparjament dawk b'livelli baxxi ta' kisbiet akkademiċi, se jiġu offruti taħriġ f'aspetti tal-amministrazzjoni tan-negozju, bħal pereżempju l-kontabbiltà, l-ippjanar, il-komunikazzjoni u l-amministrazzjoni strateġika. It-taħriġ se jinkludi kemm taħriġ fil-klassi u kemm dak Prattiku (fuq il-post). Il-kost stmat għal kull ħaddiem huwa ta' EUR 7 114.

(5) Edukazzjoni ta' rimedju. Madwar 352 persuna fost il-ħaddiema li huma ikbar fl-età (bejn l-40 u s-60 sena) b'livelli tassew baxxi ta' kisbiet akkademiċi se jiġu offruti edukazzjoni ta' rimedju f'oqsma bħall-qari, l-ortografija u l-matematika biex ikunu jistgħu japproffittaw minn opportunitajiet oħra ta' edukazzjoni u impjieg. Il-kost għal kull ħaddiem huwa ta' madwar EUR 5 302.

19. Il-pilastru 'inċentivi ta' impjieg' jinkludi tliet azzjonijiet separati:

(1) Inċentivi għal persuni li huma ikbar fl-età u li jixtiequ jbiddu l-karriera. Din l-azzjoni timmira li tipprovdi inċentivi għall-ħaddiema li huma pjuttost kbar fl-età (bejn l-40 u s-60 sena) li jkunu ħadmu fis-settur tal-metall, biex jieħdu opportunitajiet f'setturi oħra. Bħala rikonoxximent tal-probabbiltà li s-settur tal-metall mhux se jirkupra fil-futur qarib fir-reġjun, huwa neċessarju li dawn il-ħaddiema jingħataw l-għajnuna biex jiċċaqilqu għal setturi oħra. L-azzjoni se tinkludi gwida u appoġġ għall-mobbiltà, u huwa stmat li madwar 88 ħaddiem se jibbenefikaw, b'kost stmat ta' EUR 4 952 għal kull ħaddiem.

(2) Apprendistati u konsulenza. Huwa mistenni li madwar 264 mill-ħaddiema iktar żgħażaġh b'livell baxx ta' edukazzjoni se jibbenefikaw minn apprendistati u konsulenza, f'kooperazzjoni mill-qrib man-negozji fir-reġjun li għandhom rekord ta' suċċess fir-reklutaġġ ta' persunal minn setturi oħra. Il-kost stmat għal kull ħaddiem huwa ta' EUR 5 161. L-għan huwa li jiġi żgurat li l-ħaddiema jibqgħu f'kuntatt mill-qrib mas-suq tax-xogħol, biex tkun iffaċilitata l-integrazzjoni mill-ġdid tagħhom mill-iktar fis possibbli.

(3) Taħriġ ma' kumpanija. Biex tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni mill-ġdid tal-persuni qiegħda fis-suq tax-xogħol, din l-azzjoni toffri taħriġ fuq il-post, speċjalment ma' SMEs, b'fowkus speċifiku fuq il-ħiliet li jirrikjedu tali ditti. Huwa stmat li madwar 264 ħaddiema li ngħataw is-sensja se jibbenefikaw minn din l-azzjoni, b'kost stmat ta' EUR 5 772 għal kull ħaddiem.

20. Il-pilastru 'inċentivi għal negozji ġodda' jinkludi tliet azzjonijiet separati, li prinċiparjament huma kollha mmirati għall-ħaddiema li huma ikbar fl-età u li għandhom livelli baxxi ta' edukazzjoni fost dawk li ngħataw is-sensja:

(1) Appoġġ finanzjarju għall-persuni li jifihnu negozju f'industriji li qed jikbru.

Għajnuna finanzjarja f'forma ta' self bl-imgħax biss se tiġi offruta lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja li jifih kumpaniji ġodda f'negozji ta' tkabbir bħas-setturi tad-divertiment u l-benesseri. Huwa mistenni li 44 persuna jibbenefikaw minnha. L-appoġġ finanzjarju jista' jingħata jekk il-ħaddiem li jkun ingħata s-sensja jirrekluta ħaddiema fil-kumpanija li jiftaħ. Huwa stmat li s-self medju għal kull intraprenditur se jkun ta' madwar EUR 26 846.

(2) Pariri u konsulenza kontinwi għall-intraprendituri. Biex l-intraprendituri jiġu meġġuna jirnexxu, din l-azzjoni tipproponi li toffrilhom pariri u konsulenza kontinwi. Huwa mistenni li 66 persuna se jibbenefikaw, b'kost stmat ta' madwar EUR 4 027 għal kull ħaddiem. Kull intraprenditur se jingħata mentor li jkollu għarfien tas-settur u li b'mod regolari jikkonsulta u jagħti pariri lill-intraprenditur. Huwa ppjanat li l-iskema ta' konsulenza ddum sena, u b'mod simultanju huwa ppjanat li jitwaqqfu gruppi ta' netwerks fi ħdan setturi eżistenti li qed jikbru u dawk potenzjali, fejn l-intraprendituri ġodda jistgħu jiltaqgħu, jiddiskutu u jikkooperaw.

(3) Appoġġ għar-reklamar u l-immakar ta' intraprendituri tat-tkabbir. Din l-azzjoni hija mfassla biex tipprovdi l-pariri professjonali minn aġenzija tar-reklamar dwar l-immakar u r-reklamar lill-kumpaniji li jkunu għadhom kif bdew. Huwa mistenni li madwar 18-il ħaddiem se jibbenefika minn din l-azzjoni, li se ddum sitt xhur, b'kost stmat ta' madwar EUR 8 054 għal kull ħaddiem.

21. In-nefqa amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-EGF, li hija inkluża fl-applikazzjoni, skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, tkopri attivitajiet ta' tħejjija ta' amministrazzjoni u ta' kontroll kif ukoll informazzjoni u pubbliċità.
22. Is-servizzi personalizzati ppreżentati mill-awtoritajiet Daniżi huma miżuri attivi tas-suq tax-xogħol fi ħdan l-azzjonijiet eleġibbli definiti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006 L-awtoritajiet Daniżi jistmaw li l-kost totali ta' dawn is-servizzi huwa ta' EUR 12 986 846 u li n-nefqa għall-implimentazzjoni tal-EGF hija ta' EUR 695 211 (5.1 % tal-ammont totali). Il-kontribuzzjoni totali mitluba mill-EGF hija ta' EUR 8 893 336 (65 % tal-ispejjeż totali).

Azzjonijiet	L-għadd stmat ta' ħaddiema fil-mira	Il-kost stmat għal kull ħaddiem fil-mira (f'EUR)	Kost totali (kofinanzjament tal-EGF u dak nazzjonali) (f'EUR)
Servizzi personalizzati (l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006)			
Konsulenza u t-tqegħid f'kategoriji vokazzjonali	1 010	3 356	3 389 262
Edukazzjoni u Taħriġ			
Taħriġ supplimentari fit-turiżmu	132	6 644	877 047

Taħriġ supplimentari fit-teknoloġija tal-enerġija	88	6 644	584 698
L-attrazzjoni u ż-żamma taż-żgħażaġh f'taħriġ għaż-żgħażaġh jew li jkomplu jitħarrġu	132	6 711	885 906
Edukazzjoni u taħriġ fl-amministazzjoni tan-negozju	66	7 114	469 530
Edukazzjoni ta' rimedju	352	5 302	1 866 309
Inċentivi ta' impjieg			
Inċentivi għall-persuni li huma ikbar fl-età u li jixtiequ jbiddu l-karriera	88	4 953	435 866
Apprendistati u konsulenza	264	5 161	1 362 523
Taħriġ ma' kumpanija	264	5 772	1 523 758
Inċentivi għan- negozji li għadhom jibdeu			
Appoġġ finanzjarju lill-persuni li jifidu negozju f'industrija li qed jikbru	44	26 846	1 181 208
Pariri u konsulenza kontinwi għall-intraprendituri	66	4 027	265 772
Appoġġ għar-reklamar u l-immarkar ta' intraprendituri tat-tkabbir	18	8 054	144 966
Sottotal tas-servizzi personalizzati			12 986 846
Nefqa għall-implimentazzjoni tal-EGF (it-tielet paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006)			
Attivitajiet ta' tħejjija			104 282
Amministrazzjoni			347 606
Informazzjoni u pubbliċità			104 282
Attivitajiet ta' kontroll			139 042
Nefqa sottotali għall-implimentazzjoni tal-EGF:			695 211
Kost totali stmat			13 682 057
Kontribuzzjoni tal-EGF (65 % tal-kost totali)			8 893 336

23. Id-Danimarka tikkonferma li l-miżuri deskritti hawn fuq huma kumplementari għall-azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali.

Id-data/i meta tnedew jew huwa maħsub li se jitnedew is-servizzi personalizzati għall-ħaddiema milquta

24. Id-Danimarka nediet is-servizzi personalizzati għall-ħaddiema milquta inklużi fil-pakkett ikkoordinat propost lill-EGF għall-kofinanzjament, fl-1 ta' Ottubru 2009. Din id-data għalhekk tirrappreżenta l-bidu tal-perjodu ta' eleġibbiltà għal kull għajjnuna li tista' tingħata mill-EGF.

Il-proċeduri għall-konsultazzjoni mal-imsieħba soċjali

25. Ir-reġjun tan-Nofsinhar tad-Danimarka u l-muniċipju ta' Sønderborg ħejjew l-applikazzjoni flimkien, bl-involviment ta' diversi msieħba soċjali, inklużi assoċjazzjonijiet industrijali, trejdunjins u istituzzjonijiet ta' edukazzjoni u taħriġ. Sar ukoll smiġh pubbliku dwar il-kwistjoni, li kien imħabbar fil-midja lokali u reġjonali, u fejn setgħu jipparteċipaw il-partijiet interessati kollha.
26. L-awtoritajiet Daniżi kkonfermaw li r-rekwiżiti stipulati fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u Komunitarja dwar sensji kollettivi ġew issodisfatti.

Tagħrif dwar azzjonijiet li huma obligatorji skont il-liġi nazzjonali jew ftehimiet kollettivi

27. Fir-rigward tal-kriterji li jinsabu fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, l-awtoritajiet Daniżi fl-applikazzjoni tagħhom:
- ikkonfermaw li l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-EGF ma tiġi post miżuri li huma r-responsabbiltà tal-kumpaniji skont il-liġi nazzjonali jew skont ftehimiet kollettivi,
 - urew li l-azzjonijiet jipprovdu l-appoġġ għal ħaddiema individwali u ma għandhomx jintużaw għar-ristrutturar ta' kumpaniji jew setturi,
 - ikkonfermaw li l-azzjonijiet eliġibbli msemmija fil-punti 16 sa 23 hawn fuq ma jirċevux għajjnuna minn strumenti finanzjarji Komunitarji oħra.

Sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll

28. Id-Danimarka nnotifikat lill-Kummissjoni li l-kontribuzzjonijiet finanzjarji se jkunu ġestiti u kkontrollati mill-istess korpi li jiġġestixxu u jikkontrollaw l-iffinanzjar mill-Fond Soċjali Ewropew (FSE) fid-Danimarka.

Finanzjament

29. Fuq il-bażi tal-applikazzjoni mid-Danimarka, il-kontribuzzjoni proposta mill-EGF għall-pakkett ikkoordinat tas-servizzi personalizzati hija ta' EUR 8 893 336, li tirrappreżenta 65 % tal-kost totali. L-allokazzjoni proposta tal-Kummissjoni minn dan il-Fond hija bbażata fuq l-informazzjoni li nġhatat mid-Danimarka.
30. Fid-dawl tal-kontribuzzjoni finanzjarja massima possibbli mill-EGF stabbilit skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, kif ukoll l-ambitu għar-riallokazzjoni ta' approprjazzjonijiet, il-Kummissjoni tipproponi li timmobilizza l-

EGF għall-ammont totali msemmi fuq, li għandu jiġi allokat skont l-intestatura la tal-qafas finanzjarju.

31. L-ammont ta' kontribuzzjoni finanzjarja propost se jħalli aktar minn 25 % tal-ammont annwali massimu allokat għall-EGF disponibbli biex ikun allokat matul l-aħħar erba' xhur tas-sena, kif stipulat fl-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006.
32. Bil-preżentazzjoni ta' din il-proposta biex timmobilizza l-EGF, il-Kummissjoni qiegħda tnedi l-proċedura ssimplifikata ta' trijalogu, kif mitlub mill-Punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006, bil-għan li tikseb il-qbil taż-żewġ fergħat tal-awtorità baġitarja dwar il-ħtieġa li jiġi użat l-EGF u dwar l-ammont meħtieġ. Il-Kummissjoni tistieden lill-ewwel waħda miż-żewġ fergħat tal-awtorità baġitarja li tilħaq ftehim dwar l-abbozz tal-proposta għall-mobilizzazzjoni biex, fl-ivell politiku xieraq, tgħarraf lill-fergħa l-oħra u lill-Kummissjoni bl-intenzjonijiet tagħha. F'każ ta' nuqqas ta' qbil minn xi waħda miż-żewġ fergħat tal-awtorità baġitarja, tissejjaħ laqgħa formali ta' trijalogu.
33. B'mod separat il-Kummissjoni tippreżenta talba ta' trasferiment sabiex iddaħħal fil-baġit għall-2010 approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagamenti speċifiċi, kif mitlub mill-Punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006.

Sors ta' approprjazzjonijiet ta' pagamenti

34. Kif inhi l-qagħda attwali tal-implimentazzjoni, huwa prevedibbli li l-appropriazzjonijiet ta' pagamenti disponibbli skont il-linja baġitarja 01.04 05 'Finalizzazzjoni ta' programm għall-intrapriżi: titjib tal-ambjent finanzjarju għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs)' għall-2010 mhux se jintużaw kollha din is-sena.

L-appropriazzjonijiet ta' pagamenti jiġu trasferiti f'kontijiet fiduċjarji kif meħtieġ biex jiġi żgurat li l-Fond Ewropew tal-Investment (FEI) ikun jista' jagħmel pagamenti, f'kull ħin, lill-intermedjarji finanzjarji.

Il-kriżi finanzjarja kellha effett kbir fuq il-profil tal-pagamenti tal-istrumenti finanzjarji, partikolarment dawk fil-qasam tal-kapital ta' riskju. Skont l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kapital ta' Riskju (EVCA), l-investimenti u l-iżvestimenti (ħruġ) ġew imnaqqsa b'iktar min-nofs bejn l-2007 u l-2009 meta mqabbla mas-sitwazzjoni qabel il-kriżi. Dawn l-iżviluppi kellhom ukoll impatt sostanzjali fuq it-tbassir fir-rigward tal-iżvestimenti għall-2010.

Bħala konsegwenza tal-elementi li ssemmew fuq, l-appropriazzjonijiet ta' pagamenti previsti fil-baġit tal-2010 mhux se jkun hemm b'zonnhom kollha fl-2010. L-ammont ta' EUR 8 893 336 għalhekk jista' jsir disponibbli biex jiġi ttrasferit.

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda (applikazzjoni EGF/2009/015 DK/Danfoss Group mid-Danimarka)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda⁴, u b'mod partikolari l-punt 28 tiegħu,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni⁵, u b'mod partikolari l-Artikolu 12(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea⁶,

Billi:

- (1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF) twaqqaf biex jipprovdi appoġġ addizzjonali għall-ħaddiema li jingħataw is-sensja minħabba bidliet strutturali kbar fix-xejriet kummerċjali dinjija dovuti għall-globalizzazzjoni u sabiex jiġu meġhuna fl-integrazzjoni tagħhom mill-ġdid fis-suq tax-xogħol.
- (2) L-ambitu tal-EGF twessa' għal applikazzjonijiet imressqa mill-1 ta' Mejju 2009 biex jinkludi l-appoġġ għall-ħaddiema li jkunu sfaw qiegħda bħala riżultat dirett tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali.
- (3) Il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-EGF fi ħdan il-limitu massimu annwali ta' EUR 500 miljun.
- (4) Id-Danimarka ressqet applikazzjoni għall-mobilizzazzjoni tal-EGF, fir-rigward tas-sensji mid-Danfoss Group. Din l-applikazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti sabiex jiġu ddeterminati l-kontribuzzjonijiet finanzjarji kif stabbilit fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. Il-Kummissjoni għalhekk tipproponi li timmobilizza l-ammont ta' EUR 8 893 336.

⁴ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

⁵ ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

⁶ ĠU C [...], [...], p. [...].

- (5) L-EGF għandu, għalhekk, jiġi mmobilizzat sabiex jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja għall-applikazzjonijiet imressqa mid-Danimarka.

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF) għandu jiġi mmobilizzat biex jipprovdi s-somma ta' EUR 8 893 336 f'approprjazzjonijiet ta' impenji u pagamenti.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President